# NEWS & VIEWS

Down Syndrome Association Malta

December 2013 ISSUE NO. 40

Newspaper Post



# The Association

Our Mission is to provide the means necessary to empower individuals who have Down syndrome to reach their full potential.

Our Vision is to become a model organisation that will not cease until every person who has Down syndrome is a valued member of society.

## SERVICES:

- Parental Support
- Aerobics, weekly
- Mass and Tombola, First Friday of month
- Social activities: three times yearly
- Talks and fora
- Christmas Party and Disco
- Book, audiotapes and video library
- "News & Views" magazine: yearly
- Members Newsletter

## MEMBERSHIP:

Full members:
Annual: €2.50 Life: €25

Associate members:
Annual: €5.00 Life: €35

## EDITORIAL CONTRIBUTIONS:

Esperjenzi, artikli u ittri mill-qarrejja għal dan il-magażin huma dejjem milqugħa.

Experiences, articles and letters from our readers to this magazine are always welcome.

*Association Contacts:*
**info@dsa.org.mt**
**Tel: 21 235 158**


45, South Street,
Valletta VLT 1101, Malta
Tel: 2123 5158
http://www.dsa.org.mt
e-mail: info@dsa.org.mt


Founded 1981

Member of the

Federazzjoni Maltija tal-Organizzazzjonijiet Persuni b'Dizabilita (F.M.O.P.D.)

Associate Member of


PATRON
H.E. The President of Malta

HON. PRESIDENTS
Mary Runza
John L. Peel

PRESIDENT
Marthese Mugliette

SECRETARY GENERAL
Antoine L. Gauci

TREASURER
Patrick Umanah

MEMBERS
Pio Fenech, Helen Mifsud, Patrick Umanah, Anna Farrugia, Joeanna Xerri, Anthony Wetz, Maria Laura Mifsud, Joe Borg Bonello (rep. of the A/Members), Charles Vassallo, Eugenio Galea

CHIEF ADVISOR
Dr Isabella Borg
MD,MSc(Clinical Genetics)(Lond),PhD(Cantab), MMCPath, MMCFD, RGN (Lond)
Consultant Medical Geneticist

LEGAL ADVISOR
Dr. Robert Tufigno

SPIRITUAL DIRECTOR:
Rev. Fr. Emmanuel Borg Bonello




# Indirizz mill-President

Ħbieb,



Iddeċidejt nieħu din l-opportunità biex nirriċerka u nagħtikom informazzjoni dwar dak li ilna nisimgħu dwaru, u aktar importanti, dwar dak li bħalissa qiegħed jiġi studjat u diskuss f'pajjiżna – l-Għixien Indipendenti (*Independent Living*). Fil-qosor, għixien indipendenti hija l-libertà għall-persuni b'diżabilità. Il-libertà tal-individwu minn dejjem kienet protetta mil-liġijiet tradizzjonali. Il-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tirrikonoxxi li għal xi wħud, iridu jittieħdu ċerti passi biex tiġi żgurata din il-libertà.

Għixien indipendenti jfisser li, bħaċ-ċittadini l-oħra, kull persuna b'diżabilità jkollha l-istess **libertà, għażla, dinjità** u **kontroll** fid-dar, fuq il-post tax-xogħol u fil-komunità. Mhux neċessarjament ifisser li tgħix waħdek jew li tfendi għal rasek. Tfisser drittijiet għall-assistenza prattika u sapport biex tipparteċipa fis-soċjetà u tgħix ħajja ordinarja. Tfisser li jkollok l-għażla u l-kontroll dwar l-assistenza li tinħtieġ għall-ħajja ta' kuljum tiegħek u li jkollok aċċess ugwali għall-akkomodazzjoni, trasport u mobilità, saħħa, xogħol, edukazzjoni u opportunitajiet ta' *training*.

Għal ħafna, l-ikbar barriera għall-għixien indipendenti hija l-età jew il-kont bankarju. Għal dawk b'diżabilità l-ostakoli jistgħu jkunu ferm akbar. Għixien indipendenti huwa dritt uman. Anke persuni b'diżabilità għandhom l-istess drittijiet imma ħafna drabi d-drittijiet tagħhom huma meħuda jew mittiefsa.

Minn x'ser tiekol sa fejn ser tgħix, il-ħajja hija kollha deċiżjonijiet – li tkun tista' tagħżel xi trid tagħmel u kif tagħmlu, fejn u meta trid tagħmilha. Dawn huma affarijiet li huma meħudin *for granted* minn dawk li m'għandhomx diżabilità. Imma għall-persuni b'diżabilità, id-dritt li tikkontrolla ħajtek hija spiss miċħuda.

L-Assoċjazzjoni tagħna titkellem fuq aspett ieħor ta' din il-ħajja. Titkellem dwar Teħid ta' Deċiżjonijiet Issapportjat (*Supported Decision Making)* u dwar Għixien Indipendenti Ssapportjat (*Supported Independent Living*). Hemm persuni b'diżabilità, fosthom persuni *Down syndrome*, li jinħtieġu livell ta' sapport u superviżjoni. Is-servizz ta' għixien indipendenti ssapportjat għandu jipprovdi mezz ta' sapport lil dawn il-persuni li jixtiequ jgħixu waħedhom jew ma' oħrajn. L-opportunitajiet ta' dawn il-persuni m'għandhomx jiġu limitati minħabba d-diżabilità.

Għixien indipendenti, anke dak issapportjat, huwa l-bażi fundamentali għall-inklużjoni fis-soċjetà. Dan il-kunċett jirrikjedi appoġġ personali li jiffunzjona u servizzi li jippermettu l-għażla u l-kontroll.

Nappella lilkom famljari u *carers* ta' persuni Down syndrome biex sa minn ċkunithom, inrawmu u ngħallmu lil dawn il-persuni l-ħiliet bażiċi u nagħtuhom l-*empowerment* biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet għal u fil-ħajja indipendenti tagħhom.

Il-Milied u s-sena t-tajba lilkom u lill-familjari tagħkom.

Marthese

# Contents




NEWS&VIEWS
is a bilingual Publication:
mouthpiece of the Down Syndrome Association Malta. It is issued twice yearly and is distributed free.

Pubblikazzjoni bil-Malti u bl-Ingliż, maħruġa mill-Għaqda Down Syndrome Malta, darbtejn fis-sena u mqassma b'xejn.

EDITORIAL BOARD
Patrick Umanah
Marthese Mugliette
John L. Peel

Views expressed in this magazine may not necessarily be those held by the Editor or by the Down Syndrome Association.

L-artikli u l-veduti miġjuba f'dan il-magażin mhux bilfors juru l-opinjoni tal-Editur jew tal-Għaqda Down Syndrome.

REPRINT PERMISSION
The Down Syndrome Association (Malta) gives permission to reprint original material printed here. Please credit thus: "Reprinted from 'News & Views', DSA, Malta. Permission to reprint other material must be solicited from the original source.

FRONT COVER
Marianne Heikkinen, li tagħmel videos għat-televiżjoni turi lil Gayle u lil Maria kif jieĐdu video

PRINTING
Best Print Co. Ltd, Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789

FACE BOOK
Down Syndrome Association, Malta

The Association ................................................ 2

Indirizz mill-President ...................................... 3

Editorial ........................................................... 5

It-twaqqif ta' Sottokumitat f'Għawdex
Assoċjazzjoni Down Syndrome .................... 6

Jum Dinji tad-Down Syndrome (2013) ............ 7

MEMORANDUM ............................................... 8

Aerobics .......................................................... 9

My experience with the dolphins
at the Meditarraneo Malta bio park ............. 10

Awwissu 2013 – Laqgħat organizzati
mill-Klinika għall-Adulti Down syndrome .... 11

Mid-Djarju ta' Maria Mifsud u
Gayle Mugliette Finland .............................. 12

Felix Of Dortmund in Germany ...................... 14

Open Doors .................................................... 15

Ringrazzjamenti ............................................ 17

Klinika għall-Adulti li għandhom
Down Syndrome ........................................... 18

Facebook ....................................................... 19

DISKORS AMMINISTRATTIV
tas-Segretarju Ġenerali –
10 ta' Mejju 2013 ......................................... 20

**Down Syndrome Association**
45, South Street, Valletta VLT 1101, Malta
Tel: 21235158
http://www.dsa.org.mt



# Editorial



Maybe more than anything else but what it's all about? It's 'The News and Views', ***issue 40, December 2013.*** It's the *expectations:* both for you, members of our Down Syndrome Association and for our children.

Many years ago, our children with Down Syndrome were almost automatically condemned and associated with failure or as children ***who couldn't.*** As parents, we had to listen to some version of the comments or phrase 'He or she will only go so far...' The simple reason being that our children who have Down syndrome had a label that other children didn't carry.

Even we the parents, too, had a label that caused others to view us with different expectations and regarded as parents who ***only 'took care'*** of their children while others make decisions on our children's educational futures and life in general.

Thankfully, times have changed and now with great expectations, hard work along with different professions; passages of historic legislation ***in favour of inclusive education and society,*** our children who have Down syndrome ***are seen as children who can.*** They are now expected to participate more fully in all aspects of the society; this, gradually leading the way to our great expectations of ***'Independent living with gainful employment'.***

For us as parents, our great expectations and achievements are to reexamine our roles by working together with all professionals who are services providers. Let us note very well that if we want our dreams of great expectations to come true that ***'teaching and learning are the natural parts of being a parent'. Whether we realise it or not, virtually, every time we interact with our children, we are teaching them something.***

Therefore, dear parents, let us note that we are the ***'experts' trying not to change who we are but rather add to what is uniquely us , a new set of skills and, perhaps, a new way of looking at our children who have Down syndrome, to become even more substantial partners in building their independent living in their communities and gainful employment.***

In this issue, there are articles which are meant to enlighten us regarding new services and lessons provided by our Association; our Down Syndrome-Radio Valo Malta; Gozo new sub-committee and important messages Association's Committee.

Finally, I would like to take this opportunity to thank those who have supported us financially or in any other way.

All the best while wishing you all a very Happy Christmas and Happy New Year.

Regards

**Mr. Patrick Umanah**
**M.A, B.ED (HONS, B.A (HONS) B.A.**

# It-twaqqif ta' Sottokumitat f'Għawdex Assoċjazzjoni Down Syndrome

Persuni li għandhom Down syndrome u l-familji tagħhom li jgħixu f'Għawdex huma mdorrija li jibbenefikaw inqas minn dawk li jgħixu f'Malta meta jiġu għal inizjattivi pożittivi u benefiċċji varji. Għalhekk hemm sensazzjoni prevalenti li dawn il-persuni huma nieqsa minn ħafna opportunitajiet u benefiċċji li suppost huma offruti lilhom ukoll.

Waqt laqgħa ta' konsultazzjoni f'Għawdex mal-Onorevoli Anton Refalo u l-Onorevoli Franco Mercica, organizzata mill-Assoċjazzjoni Down Syndrome f'Mejju ta' din is-sena, irriżulta li ħafna familji l-anqas biss kienu nfurmati b'inizjattivi li joriġinaw minn Għawdex stess! Barra minn hekk hemm diskrepanza kbira tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji fost dawn il-persuni.

Motivat minn dawn in-nuqqasijiet, Dr Frank Galea esprima x-xewqa li jitwaqqaf sottokumitat f'Għawdex li jaħdem biex jiġi żgurat li n-nies Down syndrome li qegħdin jgħixu f'Għawdex ikollhom opportunitajiet indaqs u eventwalment futur aħjar. Din il-proposta kisbet ħafna appoġġ matul din il-laqgħa mill-membri preżenti u numru ta' ġenituri aċċettaw li jsiru membri tal-kumitat dak il-ħin. L-Onor. Anton Refalo ltaqa' ma' Dr Galea fl-istess ġimgħa biex jiddiskutu din l-inizjattiva u jinfurmah li hu kien maħtur bħala membru fuq il-Bord tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD). Frank informa lill-membri li kien mistoqsi mis-Segretarju Permanenti għal Għawdex, is-Sinjura Joyce Dimech jissottometti suġġeriment tal-kumitat għall-miżuri li għandhom jiġu mplimentati s-Sajf tal-2013.

Dawn huma jiem bikrija tas-sotto-kumitat. F'dan l-istadju hemm bżonn li l-kumitat ikun jaf aħjar il-komunità ta' nies Down syndrome f'Għawdex sabiex ikun jista' jservihom aħjar. Għadd ta' għanijiet importanti ġew identifikati u qed isiru diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex u l-imsieħba potenzjali oħra biex timplimenta l-ewwel inizjattivi.

Is-sotto-kumitat attwali huwa magħmul minn dawn il-persuni:

Dr. Galia Frank – President,
Dr. Ing. Abela Stephen – Segretarju,
Ms. Grima Natalie, Ms. Magro Josephine,
Ms. Micallef Mary, Ms. Sultana Josephine,
Ms. Vella Lourdes, Ms. Abela Josienne,
Ms. Borg Joanne, Ms. Galea Annette

**Stephen Abela**
*Segretarju*
*Sotto Kumitat*
*Assoċjazzjoni Down Syndrome*





# Jum Dinji tad-Down Syndrome (2013)

Kien għadu lanqas biss fetaħ il-Parlament. Wieħed jista' jgħid li kien għadu bilkemm żanżan is-siġġu ta' Prim Ministru, meta delegazzjoni mill-Assoċjazzjoni tagħna ltaqgħet mal-Onor Prim Ministru Dr. Joseph Muscat f'Kastilja.



Kien proprju, fil-jum tal-21 ta' Marzu, il-Jum Dinji tad-*Down Syndrome*, jew kif inhu iktar magħruf *World Down Syndrome Day* li membri tal-Assoċjazzjoni tagħna kienu milqugħa f'Kastilja għall-ewwel laqgħa mal-Prim Ministru l-ġdid. Għan-nom tal-Assoċjazzjoni, it-tfal preżenti għal din il-laqgħa ppreżentaw Memorandum lill-Prim Ministru bis-suġġett 'Irridu d-Drittijiet'.



Xejn ma ngħidu, it-tfal ħassewhom tassew importanti kif daħlu ġewwa Kastilja. Ħassewhom ferħanin u importanti aktar u aktar meta l-Onor Prim Ministru Dr Muscat stmahom u tkellem magħhom daqslikieku kellu xi delegazzjoni importanti minn xi stat importanti.

Grazzi Onor Prim Ministru talli tajt l-importanza li ħaqqu lil dan il-Jum Dinji tad-*Down Syndrome* u speċjalment lill-persuni *Down syndrome* li kienu l-ambaxxaturi tal-Assoċjazzjoni *Down Syndrome*.

**Anna Farrugia**
*PRO*



***Xi wħud mill-membri tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni Down Syndrome u l-familja tagħhom mal-Onorevoli Prim Ministru Dr J. Muscat u mal-Onor. Dr F. Mercieca***

# MEMORANDUM

Lill- Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat
Onor. Membri Parlamentari
Mill- Assoċjazzjoni Down Syndrome
Suġġett: Irridu d-Drittijiet
Data: 21 ta' Marzu, 2013

Illum huwa l-Jum Dinji tad-Down Syndrome u qegħdin nieħdu din l-opportunità biex nikkomunikawlkom dak li aħna, persuni li għandna Down syndrome, irridu. Aħna wkoll nagħmlu parti mis-soċjetà Maltija.

Irridu li d-**Drittijiet** tagħna bħala ċittadini jiġu mgħarrfa:

- Għandna d-dritt li nivvutaw
- Irridu li l-politikanti jirrispettaw id-drittijiet tagħna bħala ċittadini
- Irridu li l-partiti politiċi jippreparaw id-dokumenti faċli li jinqraw
- Kull *policy* li jagħmel il-gvern tinfluenzana
- Organizzazzjonijiet bħall-Assoċjazzjoni Down Syndrome tista' tgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jiskopru u jaffetwaw dawn il-ħtiġijiet fl-aħjar mod
- **L-aħjar mod kif tinkluduna hu li tistaqsuna dwar dak li naħsbu aħna**

Irridu opportunitajiet realistiċi fl-**Edukazzjoni:**

- Edukazzjoni għal kulħadd hi l-ewwel pass lejn soċjetà nklussiva
- L-edukazzjoni għandha tiġi mgħarrfa bħala dritt fundamentali uman
- Irridu li aħna nistgħu naslu għall-edukazzjoni f'livell terzarju
- Qegħdin nitolbu dan li ġej:
    - Proviżjoni għall-programmi ta' assistenza personali akkademika
    - Kotba u materjal akkademiku aċċessibbli
    - Forma alternattiva għall-eżamijiet u evalwazzjoni
    - Żviluppar ta' proċess ta' dħul li ma tiddiskriminax kontrina

Irridu opportunitajiet ta' vera għax-**Xogħol**

- Persuni Down syndrome huwa l-grupp li għandu l-inqas rappreżentazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fost il-Maltin li jħaddmu, inkluż il-gvern u l-entitajiet governattivi, hemm idea żbaljata li persuni Down syndrome mhumiex kapaċi għax-xogħol jew huma kapaċi biss għax-xogħol metodiku u ta' rutina
- Nies Down syndrome iridu jaħdmu u jirrappreżentaw numru mhux ħażin ta' sorsi ta' talent u *commitment* li mhix qed tintuża
- **Id-dritt għax-xogħol hu dritt fundamentali uman**

  Irridu li l-Politikanti:
    - Jippromovu xogħol għal nies li għandhom diffikultà li jitgħallmu
    - Jiskopru mezzi biex iżidu n-numru ta' nies b'diffikultà li jitgħallmu fis-suq tax-xogħol

Għandna d-dritt biex ikollna fejn nistrieħu u nirrikreaw lilna nfusna

- Attivitajiet ta' rikreazzjoni u serħan għal nies li għandhom Down Syndrome huma ingredjenti importanti biex jiġi żviluppat sens ta' nklużjoni, kunfidenza u li nemmnu fina nfusna u li nħossuna tajbin. Minħabba li nies/żgħażagħ Down syndrome għandhom ħtiġijiet speċjali, ħafna drabi mhumiex ikkunsidrati jew ma jitħallewx jattendu l-attivitajiet soċjali u rikreazzjonali bħalma persuni 'normali' jieħdu *'for granted'*.

  Irridukom tindirizzaw din il-problema billi:

- Tipprovdu regolarment opportunitajiet rikreattivi u soċjali ħalli nkunu nistgħu nipparteċipaw f'attivitajiet ma' żgħażagħ oħra bħalna.

**Għinuna biex nagħmlu lil Malta pajjiż promettenti fid-dinja fejn fih jgħixu persuni li għandhom Down syndrome.**

**Marthese Mugliette**
*President*

# Aerobics

Għeżież Membri,




Inselmilkom u nawguralkom il-festi t-tajba. L-għaqda tagħna, l-Assoċjazzjoni Down Syndrome, bħal snin oħra, din is-sena wkoll qed torganizza lezzjonijiet tal-aerobics. Dawn il-lezzjonijiet għandhom attendenza tajba ħafna, però nixtieq li jkun hemm iżjed minnkom li tattendu.

Dawn il-lezzjonijiet huma mmexxija minn persuna professjonali, hekk min jattendi barra milli jieħdu pjaċir iservuh ukoll bħala terapija fiżika. Barra minn hekk, dawn il-lezzjonijiet jistgħu jiġu utilizzati wkoll biex il-ġenituri jkollhom ħin li jiltaqgħu flimkien u min minnhom iħoss li għandu xi problema relatata mat-tfal, jista' jieħu parir mir-rappreżantati tal-għaqda jew billi jitkellmu ma' ġenituri oħra.

Nirringrazzjaw lill-management tal-gym talli tagħna użu ta' faċilità attrezzata għax b'hekk qed ikun ta' sapport kbir lill-għaqda u lill-membri tagħha u b'hekk il-prezz hu verament minimu.

Ma' din l-attività qed norganizzaw żewġ attivitajiet oħra, li huma lezzjonijiet tal-computer li jsiru fil-premises tal-għaqda, kif ukoll ikun hemm quddiesa kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar li wkoll issir fil-premises tal-għaqda fl-għaxra ta' filgħodu.

Min jixtieq jattendi għal dawn jew xi waħda minn dawn l-attivitajiet hu mitlub jikkuntatjani fuq 7951137.

Insellem lil kulħadd,

**Pio Fenech**

# My experience with the dolphins at the Meditarraneo Malta Bio Park

My name is Angela Bettoni and I experienced the “swimming with the dolphins” on my 12th birthday. It was held at the Mediterraneno Malta Biopark. It was very expensive but it was my birthday present from my parents. I was new in Malta as I had just moved here from Italy. So I hadn’t any friends yet to have a birthday party. So this was the treat.

We were separated into groups of 4. And we had only one dolphin which was Pinu. He was very well behaved. The other group had another dolphin which was Nenu. He was not very well behaved! He did not do as he was told.

We had to wear life jackets to float. Pinu was a very good swimmer. And he can swim fast. He liked to be fed fish. I went in the water when it was my turn. Pinu was supposed to spin me round with one arm. But I put out both of my arms and he got puzzled and swam off. In the end I put out one of my arms and he spun me around. It felt like magic.

We wore masks to see under the water. We saw Pinu and we heard the noises he was making. In the end we all patted him. I felt very excited and happy.

I liked it best when I kissed the dolphin.

I would definitely recommend to others the experience of swimming with the dolphins.

Written by Angela Bettoni



***Angela Bettoni with the dolphin***



# Awwissu 2013 – Laqgħat organizzati mill-Klinika għall-Adulti Down syndrome

Aħna l-adulti membri tal-Assoċjazzjoni Down Syndrome attendejna għal-laqgħat li organizzatilna l-*Adult Down Syndrome Clinic* dwar kif nieħdu ħsieb snienna u saqajna.

X’tgħallimna aħna?
Dwar kif nieħdu ħsieb snienna tgħallimna li:

- Għandna naħslu snienna kuljum – filgħodu u speċjalment filgħaxija
- Irridu nagħfsu biex naħslu snienna
- Naħslu snienna billi ndawru t-toothbrush (forma ta’ ċirku u mhux ’il fuq u ’l isfel)
- Nibdew naħsluhom minn naħa t’isfel minn ġewwa
- Irridu ngħoddu ħamsa u nimxu għal fuq sinna l-oħra
- Naħslu snienna u anke l-ħanek u anke l-ilsien
- Jekk joħroġ id-demm ma nibżgħux
- Għandna nlaħalħu snienna
- L-ewwel naħslu snien mill-faċċata, imbagħad minn ġewwa u mbagħad minn fuq
- Irid ikollna snien bojod u l-ħanek roża
- It-*toothpaste* irid ikollu l-*flouride*
- Irridu nużaw *medium texture brush*
- Ma rridux nieħdu ħafna ħelu għax iz-zokkor nieħduh ukoll mill-ikel

Dwar kif nieħdu ħsieb saqajna tgħallimna li:

- Għandna nagħmlu dwiefer tas-saqajn
- M’għandniex naqtgħu dwiefer mal-laħam eżatt
- Għandna naħslu saqajna, nixxuttawhom sew, speċjalment bejn is-swaba u nagħmlu *cream* apposta. Il-*cream* ma nagħmluhx bejn is-swaba
- Għandna nnaddfu bejn is-swaba b’tajjar bis-*surgical spirit*
- Il-*cream* l-aħjar li nagħmluh qabel norqdu
- Iż-żraben tagħna l-aħjar li jkunu bil-*velcro* biex inkunu nistgħu nissikkawh sew
- Nużaw mera biex niċċekkjaw il-qiegħ ta’ saqajna
- It-takkuna taż-żarbun trid tkum ħoxna u baxxa
- Żarbun li jinqafel bil-lazz huwa l-aħjar
- Id-dwiefer għandna naqtgħuhom għad-dritt u nillimawhom (mhux b’*nail file* tal-ħadid)
- Iż-żraben li nilbsu m’għandhomx ikunu iebsin ħafna





***Żgħażagħ membri tal-Għaqda waqt il-laqgħat edukattivi***

# Mid-Djarju ta’ Maria Mifsud u Gayle Mugliette Finland

## 22 t’April
Tlaqna minn Malta għal Finland. Kif ħriġna mill-airport sibna lil Markus u Jarri jistennew lilna.

## 23 t’April
Morna waħedna bil-bus Radio Valo, Markus dawwarna ma’ kullimkien. Dħalna fil-kamra tal-*gardening* u tal-*crafts*. Halid qal lil Gayle biex tieħu l-video u lil Maria qalilha biex tagħmel il-*mosaic*. Morna ma’ Markus u spjegalna l-*pictos* – dawn huma kotba kollha stampi mingħajr kliem li juruk pass pass kif issajjar. Xorta ftehmna għalkemm ma nafux il-Fillandiż.

## 24 t’April
Ma’ Halid iddiskutejna kif isir il-film. Kien hemm tat-*television* ta’ Finland. Il-video ħadu Yari u Halid qalilna x’għandna nagħmlu. Ma’ Halid qagħadna nitkellmu fuq il-*video* kif se nagħmluh nhar it-Tnejn. Meta wasalna d-dar għamilna t-te u għamilna l-*homework* li tana Markus biex inġibu ċ-Ċertifikat.



## 25 t’April
Morna Luovilla fejn hemm 7 persuni b’diżabiltà jagħmlu l-crafts – ipinġu, iħitu, jagħmlu t-twapet, jagħmlu l-*jewellery* u *knitting*. Johanna tatna kotba li pinġiet hi u Petra tatna tpinġija li għamlet tagħna stess.

## 26 t’April
Kien hemm *TV crew* li ġew l-Erbgħa ta’ qabel Radio Valo. Dħalna Radio Helsinki ma’ kulħadd. Maria ħadet ir-ritratti għall-*magazine* tagħna News & Views. Hemmhekk dawruna ma’ kullimkien u wrewna u spjegawlna kif għandu jsir ix-xogħol. Imbagħad morna Kethtiysammammalitto. Spjegawlna kif jgħinu lill-persuni li għandhom problemi ta’ komunikazzjoni jitkellmu ma’ xulxin.

## 27 t’April
Lyhty kien hemm il-Voluntiera li jaħdmu hemm jitkellmu mal-ġenituri tal-klijenti. Qagħadna nitkellmu mal-oħrajn u Itqajna ma’ Laura Kotila li hija ġurnalista ta’ magazine ‘Lejla’ (kite). Qagħdet tistaqsina dwar Radio Valo, dwar x’għamilna, x’jogħġobna l-aktar u fejn morna.





## 29 t’April
Iltqajna ma’ Marianne Heikkinen, li tagħmel il-videos għat-television. Ippjanajna kif se nagħmlu l-video tagħna għar-Radio Valo. Wara bdejna nieħdu xi shots differenti tal-video.



Ħadna sehem fil-video, ħadna wkoll il-video u aħna, Maria u Gayle, żfinna żifna kull wieħed – Maria żifnet il-ballet minn Swan Lake u Gayle kantat u żifnet Euphoria ta’ Loreen. Kulħadd beda jiżfen u jċapċap mal-mużika. Emma xtaqet tagħmel bħalna u żifnet il-Flaminco. Minħabba li l-video li ħadna kien twil, se nnaqsuh ħalli jiċkien biex jidher fuq it-Television ta’ Malta u fuq Radio Valo tagħna.

## 30 t’April
Markus qagħad jispjegalna kif se jsir il-Video tagħna bl-editing u bil-vuċijiet. Onni se jgħinna bil-kliem għall-video u se jgħinna fl-editing. Inġbarna kollha flimkien biex iddeċidejna x’se ngħidu waqt il-video. Ipprintjajna l-karti biex inkunu nistgħu naqrawhom. Wara morna fir-Radio Valo biex nirrekordjaw lilna nfusna. Imlejna l-formola tal-flus tal-voluntiera u ffirmajnieha. Markus tana l-flus li huwa l-*allowance* tagħna bħala voluntiera tal-EVS u ħadna r-ritratti.

## 2 ta’ Mejju
Morna f’Resonaari li hija skola speċjali tal-mużika. Iltqajna ma’ Markku Kaikkonen li jmexxi l-iskola u ma’ Kaarlo Uusitalo. Urewna kif jgħallmu l-mużika lill-persuni b’nuqqas intelletwali bit-tnabar u bl-idejn fuq il-mejda. Inżilna isfel u qagħdna ndoqqu l-pjanu magħhom. Fuq il-pjanu kien hemm shapes tal-kuluri u dawn ix-*shapes* bil-kuluri kienu wkoll fuq il-ktieb tal-mużika. Minħabba dawn ix-*shapes* tal-kuluri sibnieha eħfef biex indoqqu. Daqqejna u kantajna Love Me Tender ta’ Elvis Presley u Sway mal-istudenti tal-iskola. Ħadna gost ħafna u żfinna mal-mużika.

## 3 ta’ Mejju
Wara l-ikel tkellimna fuq il-*Youth Pass*. Wara morna naraw *Rock The Ballet*. Irringrazzjajna lil Markus. Ħadna ħafna gost f’dawn il-ġimgħatejn, kienet esperjenza sabiħa u anke interessanti.

**Maria u Gayle**









# Felix Of Dortmund in Germany

Hello
I would like to introduce myself.
I'm called Felix and I'm 27 years old.
I live in Dortmund in Germany.
I've been several times on Malta with my parents for holidays.
There I like especially the warm weather. Directly after breakfast I can go for a swim.
The fireworks I like also very much and going for a walk, and driving by bus to the town nearby the big bus-station (Valletta).



*Felix Keller and Gayle Mugliette*

This year I met Gayle and her mother.
We talked about work, where we live and how we spend our free time.
In Dortmund I live in a house (supported living) that is called St. Gabriel, in a group together with 7 people and two more groups in the house.
I'm working outside in the parks, no matter what's the weather is like.
But it's the work I like to do.
My hobbies are Music -Charts. Aikido-Sportsclub, games, Cinema, meeting friends and passing the time with the mates in my group.
Perhaps you'll have soon such a house that's called St. Gabriel.
Bye, ciao, see you

**Felix**





# Open Doors

Sometimes I find it hard to believe that six years have already passed since we first made contact with Opening Doors. This adventure truly is testament to how time flies when one is enjoying what he is doing. Opening Doors is an autonomous nongovernmental not for profit association that works for the promotion of and active involvement of persons with learning disabilities in the artistic and creative sector. The main underlying motivation of the organisation is the strong belief that art should be inclusive and that anyone willing should have the opportunity to work as an artist. This is further supported by the ethic which is fundamental to its artistic practice, mainly: sensitivity to each other, personal and artistic development and as important presenting their work to the public.

Although the word art encompasses a plethora of activities which one can pertain to, Opening Doors started off with drama. Louise Ghirlando had a vision for the group and as soon as the synopsis was advertised we soon became interested. The purported aims are to create opportunities for people with learning disabilities to participate in create activities in Malta and abroad. The availability of training opportunities was of utmost importance for the Maltese arts sector has close to none openings. The result of this was also that the profile of their contribution would be raised and better appreciated.

To be entirely honest it was the opportunity to travel abroad while doing theater, a thing that he really loves that immediately grasped the attention of my son, Steve. He enrolled in the programme and set out attending for the drama lessons which he thoroughly enjoyed. The volunteers helping out were very understanding and better still they were very knowledgeable in their line of work. Eventually he had the opportunity to travel abroad to the UK and Belgium as part of exchanges. Practices would be shared, contacts with other organisations kept and fun be had during the stay. The beaming smile upon his return filled me with elation and my appreciation for the association greatly augmented. Running in parallel with the several projects the group administer are the regular drama sessions and the ending weekend performance at St. James Cavalier. My son has benefited greatly from the experiences and helped give his confidence an evident boost.
One can say that despite the vast experience already accumulated by the organisation it is still finding its feet. It had been registered officially as a voluntary organisation just over a year and a half ago but now with a board overseeing the strategy and plotting a way forward I am



*Steve White*



*Redeemer Chetcuti*

sure that the best is yet to come. Funding for the organisation is no easy feat and it survives by applying for various projects throughout the season which also serves as an impetus to a new direction since a granting of funds entails a project and results to deliver. One such case is very recent whereby the organisation delved in the dance sector thanks to funds from "Premju tal-president". The project involved government run centers and lasted for about 6 months. The culmination was a performance last month in front of an enthusiastic audience of which the president was part of. The jubilant cheers and emotional tears shed at the end were of immense satisfaction to anyone connected to opening doors and it was a vote of confidence that all aspects of art are found wanting by persons with learning disabilities and audiences alike.

The future is looking bright for the organisation. They were accepted for another grundtvig programme which will involve exchanges to other participating countries. This very October members of the team will travel to Iceland to kick start the programme ad decide on the direction the participating countries will assume. The skeletal base however is sort of set in stone. At the end of the three years which is when the grundtvig programme will end the participating countries will come to Malta and set up international festival about inclusive art. Of equal interest is part of the team visiting India for an international conference where they will exhibit their work and give workshops to those keen on the subject. They also have an upcoming project with guardian angel school as part of the Kreattiv scheme and the ensuing result being an audio visual room which the students themselves will create with the help of professionals.

In the very near future the organisation will issue a call for new participants as well as volunteers in order to expand and inject new blood. To help one can become a member and be informed of the events and activities of the group while also being of a financial help. Further information can be acquired from openingdoorsmalta@gmail.com.

**Mrs White**



***Drama group after their last performance***



# Ringrazzjamenti

Lill-**KMPG** li ta' kull sena jivverifikaw il-kotba u l-kontijiet finanzjarji

Lit-**Times of Malta** li tirriklama b'xejn l-Assoċjazzjoni tagħna.

Lis-**Sinjuri Mary Runza u Jessica Curmi** u **lill-grupp kollu** għall-għajnuna u s-sapport kontinwu tagħhom. Fiż-żmien tal-Milied dawn ġentilment ħadu ħsieb jagħmlu *fundraising* għall-Assoċjazzjoni tagħna.

Lill-**Kumitat Qlub Ġenerużi** fi ħdan il-**Kumpanija Trelleborg Sealing Solutions Malta** għall-għotja finanzjarja tagħhom

Lill-**Middlesea Valletta Life Assurance Company Ltd** li anke din is-sena kompliet taghtina l-appoġġ permezz ta' ħlas ta' polza tal-assigurazzjoni tagħna.

Lill-**Commanderjay Music Entertainement** għas-servizz li dejjem jagħtuna kull u meta jkollna bżonn mingħajr ħlas.

Lil **Ms Mary Muscat (Mgarr)** u lill-**footballers** kollha li ħadu sehem fil-maratona biex inġabru flus għall-Assoċjazzjoni Down Syndrome.

Lill-**Cateressence Kitchen Staff - Mellieħa** għall-għotja finanzjarja tagħhom.

Lis-**Sur Paul Asciak** u lil **Ms Marysa Portelli** għall-għajnuna finanzjarja tagħhom.



***Mrs Mary Muscat, Ms Marthese Mugliette (President), Gayle Mugliette (membru), Patrick Umanah (Teżorier), flimkien mal-footballers li ħadu sehem fil-maratona għall-ġbir ta' fondi***

# Klinika għall-Adulti li għandhom Down Syndrome

Frott ta' kooperazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni Maltija Down Syndrome u l-Ministeru tas-Saħħa, il-Klinika għall-Adulti Down Syndrome fetħet il-bibien tagħha f'Awwissu tal-2012. Il-klinika tilqa' fi ħdanha persuni Down Syndrome minn sittax-il sena 'l fuq.

Din il-Klinika, unika fin-natura tagħha, ġiet miftuħa minħabba fin-nuqqas ta' kura kontinwa li kien hemm għal dawn il-persuni minn wara li tinqabeż l-età tas-sittax-il sena. L-għan tal-klinika huwa mhux biss mediku imma holistiku wkoll.

Il-klijent jiġi milqugħ b'mod familjari min-*nurse* u t-tabiba li jiffurmaw parti mit-*team* li jieħu ħsieb il-Klinika.

L-ewwel pass huwa li tittieħed storja medika kompluta u ssir eżaminazzjoni. Wara dan jiġi diskuss il-pjan mediku li jista' jinkludi t-teħid tad-demm għal testijiet ta' rutina kif ukoll referenzi għal servizzi oħrajn skont l-eżiġenzi tal-individwu. Dawn is-servizzi jistgħu jkunu fi ħdan il-kura primarja kif ukoll dik sekondarja. Kemm jista' jkun dawn il-persuni jingħataw servizzi li jkunu fil-kura primarja u għalhekk aktar aċċessibbli. F'ċerti okkażjonijiet isir kuntatt dirett bejn it-*team* mediku tal-klinika, li jikkonsisti minn *team* ta' infermiera u tabiba, u dak tas-servizz mixtieq. Hekk ikun hemm transazzjoni aktar fluida bejn il-klinika u servizzi oħrajn.

Għan ieħor tal-klinika huwa dak ta' '*screening*', fejn il-klijenti jidħlu fi programmi ta' prevenzjoni li fosthom jinkludu prevenzjoni tal-mard fl-għajnejn bħal nuqqas ta' vista u katarretti, kif ukoll nuqqas ta' smigħ li jista' jibda relattivament kmieni f'dawn il-persuni. L-idea wara dawn il-programmi huwa li ċertu kundizzjonijiet assoċjati mal-kundizzjoni Down Syndrome jiġu milħuqa fil-bidu u ttrattati malajr kemm jista' jkun biex b'hekk jitnaqqsu l-kumplikazzjonijiet.

Matul il-vista jiġu diskussi varji punti oħrajn li jolqtu l-aspetti soċjali u psikoloġiċi tal-klijent Down syndrome. F'dan ir-rigward, it-*team* tal-klinika jipprova jkun ta' sapport kemm għall-individwu kif ukoll għall-persuni li jieħdu ħsiebu/ha. Il-klinika tipprova żżomm kuntatt mat-tobba tal-familja ta' dawn il-persuni għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma dawn l-ispeċjalisti tal-familja li jiġu f'kuntatt dirett aktar ta' spiss ma' dawn il-klijenti.

Apparti dan, il-Klinika qed torganizza '*group sessions*' fejn tlaqqa' lill-klijenti tagħha kif ukoll lill-ġenituri u persuni oħra li jieħdu ħsiebhom u jiġu diskussi suġġetti ġeneriċi bħalma huma d-dieta, il-kura tas-saqajn u tas-snien u oħrajn. Diġà ġew organizzati żewġ laqgħat li kienu ta' suċċess kbir. Hemm il-pjan li jsiru bosta oħrajn.

L-aċċess għal din il-klinika huwa miftuħ għal dawk il-persuni kollha Maltin u Għawdxin Down Syndrome minn sittax-il sena 'l fuq, il-ġenituri u/jew il-persuni li jieħdu ħsiebhom, inklużi t-tobba tal-familja, jistgħu jikkuntatjaw lill-Klinika ġewwa ċ-Ċentru ta' Birkirkara fuq it-telefon 21494960 jew permezz ta' email fuq dsc.mfh@gov.mt.

**Dr Dorothy Zammit MD**



# Facebook

## Did you know that the Association has a Facebook Page?

### Do you know how to enter?

First you have to have your own page. If you do not have one and would like to have one, ask your parents, brother or sister or your teacher.

To enter our page look to the top on your left. You will find a box like the one below:

Search for people and things

With your mouse go to the box and write

Down Syndrome Association Malta

.. and the page comes up.

### Why do we need to access our page?

To read news from the Association; activities being held.

To see our pictures

Leave messages that we ourselves write

To post our own photographs that we want to share with others

…and many other things

## Kont taf li l-Assoċjazzjoni tagħna għandha paġna fil-FACEBOOK?

### Taf kif tidħol?

L-ewwel irid jkollok paġna tiegħek. Jekk ma tafx kif ikollok waħda staqsi lill-ġenituri, ħutek, teacher jgħinuk tiftaħ paġna.

Darba jkollok paġna tiegħek, biex tidħol ħares fuq ix-xellug. Fejn hemm il-kliem Facebook issib kaxxa fejn hemm miktub

Search for people and things

Bil-mouse mur fil-kaxxa u ikteb

Down Syndrome Association Malta…

u titla' l-paġna.

### Għalfejn nidħlu fil-paġna?

Biex naqraw aħbarijiet tal-Assoċjazzjoni, x'attivitajiet ser ikun hemm

Naraw ritratti tagħna

Inwasslu xi messaġġ aħna

Inpoġġu ritratti biex jarahom ħaddieħor

…u ħafna affarijiet oħra.

## Did you know that the Down Syndrome Association has a Web Page?

If you want to access write: Down Syndrome Association Malta and open the page

Or write: http://dsa.org.mt/

### Why do we have a web page?

There we find information on the association and information that can help us.

If you do not know how to access the page ask your parents, brother or sister or your teacher.

## Taf li d-Down Syndrome Association Malta għandha web page?

Fuq Google ikteb: Down Syndrome Association Malta, u iftaħ il-paġna.

Jew ikteb l-address: http://dsa.org.mt/

### Għalfejn għandna l-web page?

Blex insibu informazzjoni dwar l-Assoċjazzjoni u dwar dak li jista' jgħina.

Jekk għandek bżonn għajnuna staqsi lill-ġenituri jew lil ħutek jew lit-teacher.

# DISKORS AMMINISTRATTIV
# tas-Segretarju Ġenerali – 10 ta' Mejju 2013

Għaddiet sena mill-aħħar Laqgħa Ġenerali li rajna tmexxija taħt Kumitat b'uċuħ ġodda li nisperaw ikunu l-futur ta' tkomplija tal-Għaqda fil-ġejjieni. Grazzi għal Joanna Xerri, membru ġdida fil-Kumitat, l-Għaqda wkoll, illum il-ġurnata għandha l-*facebook* tagħha. Ħafna minn nies fil-Kumitat ilhom iservu għal bost snin u jagħmel tajjeb li l-Kumitat jiġġedded. B'danakollu nixtiequ naraw aktar nies jersqu 'l quddiem biex jagħtu servizz fil-Kumitat għall-ġid ta' kullħadd, mhux biss għall-membri, imma għal dawk ukoll li mhumiex.

Din il-laqgħa llum sejra sservi għal żewġ għanijiet: barra li ssiru tafu bil-ħidma li saret matul is-sena li għaddiet, tagħti wkoll l-opportunità li tressqu s-suġġerimenti tagħkom.

Huwa ferm importanti, kemm għall-membri u kemm għall-Għaqda, li l-interess, il-parteċipazzjoni u s-sapport fix-xogħol tal-Kumitat jibqa' ħaj biex il-Kumitat ikompli jistinka għall-benefiċċju tal-persuni li għandhom *Down syndrome.*

Inkunu qed nonqsu jekk kull darba li niltaqgħu ma nappellawx lill-membri preżenti u anke dawk li mhumiex, biex ħadd ma jibqa' lura milli jressaq xi suġġerimenti jew problemi li jolqtu lill-persuni *Down syndrome* u li jħossu li l-Kumitat jista' jaħdem fuqhom. Bħal kull sena nappellaw biex il-membri juru interess f'dak li tagħmel u torganizza l-Għaqda, li fuq kollox isir għalina lkoll.

Wara sena ta' ħidma, huwa importanti li niġu quddiemkom biex nagħtu rendikont tax-xogħol li twettaq u rendikont tal-qagħda finanzjara tal-Għaqda.

## *Co-Option* fil-Kumitat
Il-Kumitat, wara kuntatti mal-individwi konċernati, u b'deċiżjoni unanima, ikkooptja lil Pio Fenech bħala Premises Officer, Eugenio Galea r-*Released Officer* u dan għax il-Kumitat ħaseb li jkun aktar ta' ġid li ukoll jifforma parti mill-Kumitat, u lil Charles Vassallo li wera x-xewqa, li mill-ġdid, jerġa' jagħmel parti mill-Kumitat.

## E-mail addresses
Il-Kumitat kien nieda kampanja biex jaġġorna d-*data base* tal-Għaqda billi jiġbor, fejn kien possibli, l-*e-mail addresses* tal-membri. Dan ikun utli ħafna għall-Għaqda biex tkun f'pożizzjoni li tista' tikkomunika fl-iqsar żmien possibli mal-membri b'xi talba jew informazzjoni li tkun ta' interess għal kull wieħed u waħda minna.

## Special Olympics
L-Għaqda ħadet sehem fi programm b'xejn ta' *screening* tas-saħħa, li ġie mtella' mill-iSpecial Olympics għall-atleti reġistrati magħha fil-Kumpless Sportiv fil-Kottonera bejn is-26 u d-29 ta' Settembru 2012. Tfal u adulti, 'il fuq minn tliet snin, ħadu sehem f'dan il-programm ta' *Health Promotion* fejn iffokawlhom fuq is-saqajn, l-għajnejn, u s-smigħ.

## Indirizz tal-President tal-Għaqda
L-Indirizz tal-President li tat fil-Laqgħa Annwali tas-27 t'April 2012, li huwa messaġġ u appell għal kull membru tal-Għaqda, bħas-sena ta' qabel, twassal lill-membri, anke lil dawk li ma attendewx il-laqgħa permezz taċ-ċirkolari li ħarġet fit-3 ta' Mejju 2012.

## Attivitajiet
Fis-sajf saru żewġ ħarġiet, l-ewwel waħda saret fil-Lukanda Pergola l-Mellieħa fl-1 ta' Lulju 2012. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa fil- Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa u wara kulħadd mar fil-Lukanda Pergola fejn kien hemm użu tal-faċilitajiet tal-*pools* ta' ġewwa u ta' barra, *jacuzzi*, *gym*, *sun-beds*, *buffet*, u għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kien hemm waqfa għat-te.

It-tieni ħarġa saret fl-iSplash and Fun Park, Baħar iċ-Ċagħaq fit-2 ta' Awwissu 2012. Il- prezz li tħallas kien jinkludi l-prezz tal-entratura, ikel ta' nofsinhar u te jew kafè fil-ħamsa.

L-ikla tal-Milied saret fil-Bella Vista Hotel fl-14 ta' Diċembru 2012. L-ikla kienet *buffet* u l-mużika kienet f'idejn *Commanderjay Music Entertainment.* L-Għaqda ħallset hija stess għall-membri kollha li għandhom *Down Syndrome* u t-tfal taħt il-ħames snin.

Id-*disco* tal-Milied, li huwa tant mistenni mill-membri tagħna sar fis-Suncrest Hotel, Qawra fis- 27 ta' Diċembru 2012. Il-mużika waqt din l-attività wkoll kienet f'idejn *Commanderjay Music Entertainment*.

## Servizzi tal-Għaqda

### Lezzjonijiet fil-*Computers*
Dawn il-klassijiet din is-sena kellhom diversi diffikultajiet biex joperaw imma fl-aħħar jidher li kollox ġie solvut għall-benefiċċju tal-membri kollha. Issa l-lezzjonijiet qed isiru regolari darba fil-ġimgħa.

### Lezzjonijiet ta' *Aerobics*
Dawn il-klassijiet din is-sena wkoll kellhom diversi diffikultajiet biex joperaw sakemm fl-aħħar jidher li kollox ġie solvut għall-benefiċċju tal-membri. Il-lezzjonijiet qed isiru fil-*Platinium Fitness Centr,* B'Kara kull nhar ta' Tlieta u huma miftuħin għall-membri kollha.

### Il-Quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Il-quddiesa ssir fiċ-Ċentru tal-Għaqda filgħodu. Wara l-quddiesa jkun hemm te u kafe u tintlagħab it-tombla.

### Klinika tal-Adulti
Dan is-servizz, wara snin ta' laqgħat u ħafna pressjoni ġie varat il-Ħamis 23 ta' Frar 2012 u beda jopera nhar is-Sibt 11 t'Awwissu 2012. Din il-Klinika qed taħdem kull nhar ta' Sibt mill-Poliklinika ta' Birkirkara għall-benefiċċju tal-persuni kollha *Down Syndrome*. L-iskop ewlieni tal-klinika hu li jsir *screening* mediku lil kull individwu *Down Syndrome* mill-età ta' 16-il sena 'l fuq, fuq bażi annwali jew aktar spiss, skont il-bżonn tal-individwu. Għan ieħor hu li l-bżonnijiet tal-ġenituri u tal-*carers* ikunu identifikati u jingħata s-sapport meħtieġ. Il-Klinika qed tidħol ukoll fuq aspetti soċjali tal-klijent *Down Syndrome*. Qegħdin jippruvaw jagħtu servizz personalizzat billi jagħmlu kuntatti ma' *care workers* sekondarji biex jiffaċilitaw il-*follow ups* u jagħtu informazzjoni u jindikaw is-servizzi soċjali li l-klijenti jkunu eliġibbli għalihom. It-tabiba Dr. Dorothy Zammit u n-*nurse* ta' magħha qed jagħtu servizz professjonali u b'dedikazzjoni. S'issa kellna *feedback* inkoraġġanti ħafna mill-ġenituri li diġà bbenifikaw minn dan is-servizz. Il-moniteraġġ ta' wliedna hu ferm importanti u ta' benefiċċju. Għalhekk inħeġġu lil dawk kollha li għandhom persuni *Down Syndrome* fil-familji, u li għadhom ma rregistrawx ruħhom, biex kemm jista' jkun malajr jagħmlu dan. Irridu naraw li l-Klinika tilħaq l-għanijiet ta' kull wieħed u waħda minna, li nserrħu rasna li saħħet uliedna ser tibqa' tiġi segwita matul ħajjithom kollha biex jekk ikun hemm bidu ta' problemi jinqabdu minn kmieni ħalli b'hekk nikkurawhom bla telf ta' żmien.

### Magazine
Il-*magazine,* b'determinazzjoni kbira, joħrog darba fis-sena għall-ħabta tal-aħħar tas-sena. Nixtieq infakkar fil-bżonn kbir li jeżisti biex nirċievu xi esperjenzi, ritratti u / jew xi artikli sabiex jiġu ppubblikati fil-*magazine*. Jekk ikollkom bżonn ta' xi għajnuna, il-membri tal-Kumitat ikunu lesti jgħinukom

b'xi kitba u/jew intervista jekk hemm bżonn, fid-dar tagħkom stess.

Il-*magazine* jiġi stampat darba fis-sena u għal kull ħarga nippublikaw 1500 kopja. 50 fil-mija tan-nefqa fuq il-postaġġi jiġu mogħtija lura mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità fuq applikazzjoni. Il-flus biex jitħallas dan il-*magazine* iridu jiġu mill-ġbir ta' fondi għax reklami biex intaffu l-ispejjeż tiegħu m'għadniex insibu.

## Proġetti

### Youth in Action Programme -Radio Valo

L-Għaqda tagħna daħlet fi proġett ma' Lyhty ry Fillandja u qiegħed isir ħafna xogħol biex il-membri tagħna jibbenefikaw minn dan il-proġett. Permezz ta' żewġ membri tagħna, l-Għaqda ser tkun f'pożizzjoni li tibda timplimenta dan il-proġett mal-membri tagħna. Il-ħsieb huwa li dan il-proġett pilota jibda billi sitt persuni b'età minn 20 sena 'l fuq, fosthom iż-żewg membri li qegħdin jieħdu sehem bħalissa, jibdew jiltaqgħu għal xi sagħtejn fil-ġimgħa biex jiġu mgħallma u ppreparati kif jibdew jitkellmu għalihom infushom fuq dak li jolqothom biex finalment isir program ta' xi 10 minuti għall-*website* li diġà ġiet ikkreata għal dan l-għan.

Żewg persuni b'nuqqas intellettwali mill-Fillandja kienu ġew Malta mal-assistenti tagħhom biex jiddiskutu magħna, juruna u jgħallmuna ħiliet u metodi ta' kif niżviluppaw attivitajiet għall-*media* għall-membri tagħna.

Għal dan l-għan, iż-żewġ membri pijunieri f'dan il-proġett flimkien ma' żewġ membri tal-Kumitat li sejrin ikunu responsabbli għal dan il-proġett hawn Malta marru l-Fillandja għal taħriġ intensiv u biex jaraw mill-qrib kif jaħdem il-proġett.

L-għan finali huwa li jkollna stazzjonijiet ġurnalistiċi u attivitajiet għall-membri tagħna simili kif hemm fil-Fillandja.

### Social Club

Il-Kumitat huwa kommes li b'xi mod jew ieħor jinħoloq *club* għall-membri tagħna, fejn ikunu jistgħu jissoċjalizzaw ma' xulxin u wkoll jibdew isiru *disco parties* f'dan il-post. Saru diversi laqgħat ma' Ministri tal-Gvern ta' qabel, u diriġent fid-Dipartiment tal-Artijiet biex jinstab post adekwat li jkun kbir biżżejjed u aċċessibli. Sa issa, għalkemm saru ħafna sforzi, il-ħolma ma saritx realtà, imma l-isforzi ser jibqgħu għaddejjin.

### Independent Living

Saret laqgħa mas-Sur Ronald Galea Amministratur ta' Dar il-Wens fejn id-diriġenti tal-Għaqda u familiji kienu mogħtija ħafna informazzjoni pożittiva fuq kif qegħdin u għandhom jitmexxew djar residenzjali għall-persuni b'nuqqas intellettwali. Wara din il-laqgħa, l-Għaqda u l-familji interessati ġew mistiedna jagħmlu żjara f'Dar il-Wens.

### Jum Dinji tad-Down Syndrome – 21 ta' Marzu

L-Għaqda għal dan il-jum ħadmet biex tqajjem kuxjenza dwar *Down syndrome* permezz ta' parteċipazzjoni ta' xi wħud mill-membri tal-Kumitat fuq il-mezzi tax-xandir u l-*media* l-oħra fost oħrajn.

Waħda mill-laqgħat kienet mal-Onorevoli Prim Ministru u l-Onor Dr. Franco Mercieca, fejn ġew ppreżentati Memorandum bis-suġġet 'Irridu d-Drittijiet'. Dan huwa sejħa mill-persuni *Down Syndrome* biex ikollhom drittijiet bħal ċittadini xejn inqas minn ħaddieħor, opportunitajiet realistiċi fl-Edukazzjoni, opportunajiet ta' vera għax -xogħol li huwa dritt fundamentali uman, u dritt biex ikollhom opportunitajiet rikreattivi u soċjali bħal ħaddieħor f'ambjent li jieħdu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċjali tagħhom.



### Laqgħat tal-President

Il-President tal-Għaqda, waħedha jew akkompanjata minn xi membru tal-Kumitat, ħadet sehem f'diversi laqgħat li rrigwardaw diversi temi jew proġetti, u ħadet sehem f'diversi programmi fuq il-mezzi tax-xandir, li kienu ta' interess jew importanza għall-Għaqda u l-membri kollha tal-Għaqda.

Fit-8 ta' April 2013, il-President u żewġ membri tal-Kumitat kellhom laqgħa mal-Onorevoli Dr. Franco Mercieca, Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjani. It-temi li ġew diskussi kienu l-Edukazzjoni, ix-Xogħol u Ħajja Ndipendenti.

### Konklużjoni

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lilkom preżenti talli ġejtu llum u lill-membri kollha tal-Kumitat u l-familji tagħhom tal-paċenzja li jieħdu u tas-sapport tagħhom, lill-*helpers* għall-ħidma tagħhom fi ħdan l-Għaqda u għall-benefatturi kollha tal-Għaqda li mingħajrhom ma nkunux nistgħu niffunzjonaw, nagħmlu proġetti u nħallsu l-ispejjeż ta' kull jum biex immexxu l-Għaqda 'l quddiem.

**Antoine Gauci**
*Segretarju*



MSV LIFE

PROTECTION | SAVINGS | INVESTMENTS | RETIREMENT

## Trust us for life

freephone 8007 2220
www.msvlife.com

**Registered Address:** MSV Life p.l.c., Pjazza Papa Giovanni XXIII, Floriana FRN 1420, Malta.
**Telephone:** (+356) 2590 5000 **Freephone:** 8007 2220 **E-Mail:** info@msvlife.com **Website:** www.msvlife.com